# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 925/06 AF**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**v.**

**Carmel sive Charles Ellul Sullivan magħruf ukoll bħala Charles E. Sullivan, u Philip Azzopardi, it-tnejn personalment, kif ukoll fil-kwalita` tagħhom ta' Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` "J. Cachia Caruana Limited" (C 4511)**

PRELIMINARI:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-Kontrollur tad-Dwana mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' April 2014, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors tal-kontrollur tad-Dwana li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

"Fis-snin 1990 u 1991 ghadd ta' prodotti destinati lis-socjetà konvenuta gew importati illegalment f'Malta peress li fuqhom la thallas id-dazju, la l-imposta fuq oggetti importati fit-termini ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodott Lokali u f'xi kazijiet lanqas thallas fuqhomkera ghall-magazzinagg taghhom ghalkemm damu ghand id-Dwana, u dan kif muri fil-prospett markat "Dok. A" esebit fil-kawza numru 686/92FS fl-istess ismijiet illi giet kancellata fit-3 ta' Novembru 2004 u esebit ukoll bhala 'DOK A' ma dan ir-rikors.

"L-imsemmija importazzjoni illegali saret b'qerq u bi frodi u bis-sahha ta' l-uzu da parti tal-konvenuti ta' timbri foloz li kienu jsiru fuq id-dokumenti relattivi tad-Dwana u li kienu jaghtu l-impressjoni lill-ufficjali tad-Dwana inkarigati li jirrillaxxjaw l-oggetti importanti li d-dazju, l-imsemmija imposta u l-imsemmi prezz ta' magazzinagg fuq l-istess oggetti kienu thallsu, mentri fil-fatt ma kienux.

"Kemm is-socjetà konvenuta kif ukoll il-konvenuti l-ohra, li huma u kienu fiz-zmien relevanti diretturi taghna, huma responsabbli ghall-imsemmi qerq u frodi u konsegwenti dannu lill-esponent, stante l-agir doluz tas-socjetà konvenuta u ta' l-imsemmija diretturi taghha li, di piu, f'din il-vicenda uzaw lill-istess socjetà bhala "alter ego" u bhala mandatarja taghhom u ghal skopijiet illegali.

"Inkluz fl-ammont li l-konvenuti saru possessuri tieghu permezz tal-frodi fuq l-isemmi hemm il-valur tad-dazju, ta' imposta u ta' prezz ta' magazzinagg dovut lill-attur fir-rigward ta' l-oggetti in kwistjoni li jammonta ghal mitejn u tnejn u tmenin elf, seba' mija u tmien liri Maltin, tlieta u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm282,708.23,8), kif muri fl-imsemmi "Dok. A" esebit fil-kawza numru 686/92FS fl-istess isminijiet illi giet kancellata fit-3 ta' Novembru 2004 u f'din il-kawza.

"Inoltre, bhala rizultat ta' l-agir doluz tal-konvenuti, l-esponent sofra ukoll danni konsistenti inter alia fi spejjez ingenti li huwa nkorra sad-data ta' dan l-att fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' l-agir doluz in kwistjoni.

"Ghad li interpellati biex ihallsu lill-attur il-konvenuti mhux tali baqghu inadempjenti izda talli wiegbu ittra ufficcjali ta' l-esponent tal-11 ta' Dicembru 1991 billi cahdu ghal kollox it-talbiet ta' l-esponent b'ittra ufficjal responsiva ta' l-20 ta' Dicembru 1991 u ghalhekk kellha ssir il-

kawza numru 686/92 FS fl-istess ismijiet illi giet kancellata fit-3 ta' Novembru 2004.

"Fl-20 ta' Marzu 2003 l-konvenuti Charles sive Carmel Ellul Sullivan instab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminal (inferjuri) "f'dawn il-Gzejjer fl-ahhar sentejn qabel is-6 ta' Frar, 1992, b'diversi atti maghmulin minnu fi zmienijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala komplici, talli xjentement ghamel uzu minn entries tad-Dwana, ossia, cedola, polza ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, liema entries kellhom fuqhom timbru falsifikat bi ksur tal-artikolu 169 tal-Kodici Kriminali, skond l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu indikata bl-ittra a) fic-citazzjoni, kif ukoll hati talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi were haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, skond it-tielet u t-tmin imputazzjoni rispettivament indikati bhala c) u h) fic-citazzjoni kif emendata, ............ kif ukoll lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan hati talli meta huwa kien u bhala Direttur tal-kumpanija J. Cachia Caruana Limited, importa ghalih f'dawn il-Gzejjer numru ta' containers b'merkanzija ta' valur globali ta' Lm272,714.17c, dazju Lm71,255 u Levu Lm210,062, bil-hsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement ghamel uzu minn dokumenti li bid-dehen tieghu kien jaf li kienu foloz f'dettall sostanzjali u b'hekk bil-qerq warrab mill-post tal-kustodja dawn li stess containers jew parti mill-kontenut taghhom, qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati skond il-hames akkuza dedotta kontra tieghu u indikata bl-ittra e) fic-citazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37."

"L-istess Carmelo Ellul Sullivan intavola proceduri kostituzzjonali biex jimpunja dik is-sentenza permezz tal-kawza fl-ismijiet "Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan vs il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali (Rik. Kost. Nru 10/2003) li wara li giet deciza b'mod sfavorevoli ghalih mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) illum tindab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

"Ghalhekk permezz ta' dawn il-proceduri l-esponenti qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati ihallsuh id-danni li huwa sofra kagun ta' l-ghemil doluz taghhom u qieghed ukoll jitlob il-hlas ta' dak li gie akkwistat minn ghandu bi frodi mill-konvenuti.

"L-esponent jaf bil-fatti fuq dikjarati personalment fis-sens illi huwa jafhom minn dak li jirrizultalu mill-inkartamenti u t-taghrif tieghu tad-Dwana u mill-processi relattivi tal-Qrati.

“Talab lil din il-Qorti:

“Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli individwalment, u in solidum bejniethom ghall-hlas lill-attur t’ l-ammont ta’ dazju u ta’ imposta u ta’ kera ghall-magazzinagg dovuti lilu fuq il-prodotti fuq imsemmija u ghall-ammont ta’ spejjez li huwa gie indott jinkorri fl-investigazzjoni ta’ l-agir doluz fuq imsemmi sad-data tal-prezentata ta’ dan l-att u dan kemm, bhala danni kagunati lill-attur bhala konsegwenza ta’ l-agir doluz taghhom, jew min minnhom, kif ukoll bhala ammont akkwistat mill-konvenuti jew min minnhom bi frodi, jew meta kienu jafu li gej minn frodi, minn ghand l-attur;

“Tillikwida, id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-agir doluz tal-konvenuti jew min minnhom u l-ammont li tieghu il-konvenuti jew min minnhom saru possessuri bil-mezz ta’ reat ta’ frodi jew li xjentement ircevew meta kienu jafu li l-istess ammont kien akkwistat bi frodi;

“Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata.

“Rat ir-risposta ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, it-tnejn personalment li in forza taghha eccepew illi:

“F’l-ewwel lok il-preskrizzjoni ta’ sentejn ghat-tenur tal-artikoli 2149(e) u 2153 tal-Kodici Civili kif ukoll il-preskrizzjoni ghat-tenur tal-artikolu 2154 tal-istess Kodici;

“Fit-tieni lok u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi ma hemm l-ebda ness bejn l-azzjoni tal-atturi ghall-hlas ta’ dazju u l-posizzjoni personali tal-konvenuti bhala diretturi tas-socjetà impurtatrici;

“Fit-tielet lok u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni li huma bl-ebda mod ma kienu responsabbli ta’ xi agir frawdolenti jew qarrieqi fil-konfront tal-atturi, u tant dan huwa minnu li l-konvenut Philip Azzopardi gie liberat minn kull responsabbilità waqt li l-konvenut Carmelo Ellul Sullivan gie liberat minn kull responsabbilità dwar nuqqas ta’ hlas ta’ levy; inoltre fil-konfront tal-istess Carmelo Ellul Sullivan hemm proceduri pendenti minnhu mibdija biex is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tigi dikjarata lesiva tad-drittijiet fondamentali tieghu;

“Fir-raba lok, u minghajr pregjudizzju ghas-suespost li s-socjetà konvenuta kienet hallset dak kollu minnha dovut skond il-ligi;

“Fil-hames lok u minghajr pregjudizzju ghas-suespost illi l-pretensjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

"Rat ir-risposta ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi it-tnejn fil-kwalità taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà J. Cachia Caruana Limited li in forza taghha eccepew illi:

"Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sentejn ghat-tenur tal-artikoli 2149(e) u 2153 tal-Kodici Civili kif ukoll il-preskrizzjoni ghat-tenur tal-artikolu 2154 tal-istess Kodici;

"Fit-tieni lok u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi ma hemm l-ebda ness bejn l-azzjoni tal-atturi ghall-hlas ta' dazju u l-posizzjoni personali tal-konvenuti bhala diretturi tas-socjetà impurtatrici;

"Fit-tielet lok u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni li huma bl-ebda mod ma kienu responsabbli ta' xi agir frawdolenti jew qarrieqi fil-konfront tal-atturi, u tant dan huwa minnhu li l-konvenut Philip Azzopardi gie liberat minn kull responsabilità waqt li l-konvenut Carmelo Ellul Sullivan gie liberat minn kull responsabilità dwar nuqqas ta' hlas ta' levy; inoltre fil-konfront tal-istess Carmelo Ellul Sullivan hemm proceduri pendenti minnhu mindija biex is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tgi dikjarata lesiva tad-drittijiet fondamentali tieghu;

"Fir-raba lok u minghajr pregjudizzju ghas-suespost li s-socjetà konvenuta kienet hallset dak kollu minnha dovut skond il-ligi;

"Fil-hames lok u minghajr pregjudizzju ghas-suespost illi l-pretensjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

"Rat id-dokumenti.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Semghet lid-difensuri.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

"Permezz ta' din il-kawza il-kontrollur tad-Dwana qed jitlob Kundanna ghall-hlas ta' dazju u magazzinagg dovuti fuq prodotti importati llegalment. Qed jitlob ukoll danni. L-intimat jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2149(e), 2153 u 2154.

"Jirrizulta mill-provi illi l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna graw fis-sena 1990 – 1991. Jirrizulta wkoll illi fl-1992 kienet giet prezentata kawza fl-istess ismijiet (686/92 FS), liema kawza kienet giet kancellata fit-3 ta' Novembru 2004.

"Ikkunsidrat illi l-Art. 2132 tal-Kodici Civi jipprovdi illi:

*""Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja, jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tibqa' dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda"."*

"Minn dan johrog li essenzjali ghal din il-vertenza huwa l-kwezit jekk kawza li tigi kancellata timportax l-istess effetti bhal kawza li tkun tqieset dezerta skond il-ligi.

"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza Mintoff vs Avukat Generali (7 ta' Lulju 2004) irrileniet hekk:

*""Ghall-kumpletezza jinghad li il-fatt li l-proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din  il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saritx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo.* ***L-effett ta' kawza kancellata mhux riappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta*** *skond l-Artikolu 965 tal-Kap 12 u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap. 12, "Bid-dizerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, izda ma jispiccax il-jedd ghallazzjoni". Huwa biss il-gudikant li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilità ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-pewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu"."*

"(enfasi ta' din il-Qorti)

"L-insenjament ta' dawn il-Qrati in subiecta materia gie ampjament spjegat fis-sentenza moghtija fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza Quilina vs Camilleri (10 ta' Marzu 2004), ghal liema sentenza il-Qorti taghmel pjena referenza.

"Il-Qorti tal-Appell fil-kawza Ellul Sullivan vs Dimech (13 ta' Ottubru 1998) kienet ukoll rriteniet illi:

*""It-talba gudizzjarja tinterrompi l-preskrizzjoni u hija ineffikaci ghall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-kazijiet stabbiliti fil-Kodici Civili. Jekk il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju m'ghandhiex l-effett li tinnewtralizza l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tad-dritt ta' l-azzjoni in corso, multo magis m'ghandux ikollu tali effett il-kancellament ta' kawza fejn, kif inghad, il-Qorti bl-ebda mod ma tinvesti l-meritu u semplicement tiddesisti milli tiehu konjizzjoni taghha billi tordna li titnehha minn quddiemha. Kancellament li ma jippreklud ix lill-attur id-dritt li jipproponi l-azzjoni sakemm ikun ghadu fiz-zmien li hekk jaghmel"."*

"Din il-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex tiddipartixxi minn dan l-insenjament, u dan in vista tal-fuq citati dati relevanti u cioe', is-snin 1990 – 1991  meta graw il-fatti li dwarhom inbdew dawk il-proceduri u data tal-2006 meta nbdiet il-kawza odjerna. Dawn id-dati jippruvaw it-trapass taz-zmien relattiv ghall-preskrizzjoni.

> "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tichad it-talbiet tal-kontrollur tad-Dwana.
>
> "L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-kontrollur tad-Dwana."

RIKORS TAL-APPELL tal-Kontrollur tad-Dwana (21.04.2014):

3. Il-Kontrollur appellant ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) L-ewwel Qorti kienet żbaljata fl-interpretazzjoni li tat lill-Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili meta irriteniet li dan japplika wkoll għall-kawżi li jkunu ġew ikkanċellati.

(ii) L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li l-azzjoni kienet preskritta, appartli li lanqas biss aċċennat għal liema mit-tliet preskrizzjonijiet eċċepiti mill-konvenuti (Art. 2149(e), 2153, u 2154 tal-Kodiċi Ċivili) kienet qed tirreferi.

(iii) L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta injorat il-fatt li l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq talba għal riżarċiment ta' danni riżultat ta' frodi li kkommettew il-konvenuti (cioe` biex jintraddu lura l-flus ottjenuti mingħand il-konvenuti bi frodi) u li skont l-Artikolu 2154(2) il-pussess tal-ħaġa bil-mezz tal-frodi ma tiġi preskritta qatt.

RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti (19.05.2014):

4. Il-konvenuti wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Għall-aggravji mressqa mill-Kontrollur appellant, huma rrispondew hekk:

(i) L-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li l-Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili kien applikabbli għall-każ odjern, u cioe` li ċitazzjoni titlef l-effett sospensiv tagħha meta l-kawża tiġi kkanċellata u ma terġax tiġi riappuntata fit-terminu impost mil-liġi.

(ii) L-azzjoni hija fil-fatt preskritta billi ċ-ċitazzjoni numru 686/92 kellha effett interruttiv biss f'Mejju 1992, meta ġiet intavolata, u mhux sat-3 ta' Novembru 2004, meta ġiet ikkanċellata.

(iii) Mhux minnu li ma hemmx preskrizzjoni għal danni derivanti minn frodi: il-ġurisprudenza kostanti hija li f'każ ta' atti frawdolenti, il-preskrizzjoni tiddekorri biss mid-data meta l-att frawdolenti jkun ġie skopert, tant hu hekk li skont l-Artikolu 2154(1), fil-kamp tal-azzjonijiet għad-danni ikkaġunati b'reat, tapplika l-preskrizzjoni tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 2154(2) mhux applikabbli għall-każ odjern in kwantu qed jintalab danni u mhux l-għotja lura ta' oġġetti miġbura bil-frodi.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

5. Permezz tal-proċeduri odjerni l-Kontrollur tad-Dwana talab lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"(1) Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli individwalment u in solidum bejniethom għall-ħlas lill-attur tal-ammont ta' dazju u ta' imposta u ta' kera għall-magazzinaġġ dovuti lilu fuq il-prodotti fuq imsemmija u għall-ammont tal-ispejjeż li huwa ġie indott jinkorri fl-investigazzjoni tal-aġir doluż fuq imsemmi sad-data tal-preżentata ta' dan l-att u dan kemm bħala danni kaġunati lill-attur bħala konsegwenza tal-aġir doluż tagħhom, jew min minnhom, kif ukoll bħala ammont akkwistat mill-konvenuti jew min minnhom bi frodi, jew meta kienu jafu li ġej minn frodi, mingħand l-attur;*
>
> *"(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-aġir doluż tal-konvenuti jew min minnhom u l-ammont li tiegħu il-konvenuti jew min minnhom saru possessuri bil-mezz ta' reat ta' frodi jew li xjentement irċevew meta kienu jafu li l-istess ammont kien akkwistat bi frodi;*
>
> *"(3) Tikkundanna lilll-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata."*

6. Fir-risposti relattivi tagħhom, kemm il-konvenuti Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, kif ukoll is-soċjeta` J Cachia Caruana Ltd eċċipew fl-ewwel lok il-**<u>preskrizzjoni</u>**:

> *"(1) Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' <u>sentejn</u> a tenur tal-Artikoli <u>2149(e)</u> u <u>2153</u> tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu <u>2154</u> tal-istess Kodiċi."*

7. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti kienu ppreċiżaw li t-tielet preskrizzjoni sollevata minnhom fl-ewwel eċċezzjoni

tagħhom - cioe` dik a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili - hija dik ta' ħames snin (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"...u dik ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2154, in kwantu t-talba attriċi hija għal ħlas ta' ħsarat allegatament ikkaġunati b'reat min-naħa tal-esponenti – u dana jingħad in kwantu r-rikorrenti jirrileva li l-esponenti jew min minnhom kienu nstabu ħatja ta' xi reati mill-Qorti tal-Appell Kriminali (liema sentenza fil-fatt qegħda quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' jekk l-esponenti ingħatawx smigħ xieraq jew le). Jiġi rilevat illi fil-perjodu rilevanti l-ebda waħda mill-akkużi ma kellha piena in eċċess ta' erba' snin u għalhekk ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap 9, il-perjodu ta' preskrizzjoni kienet ta' ħames snin."*

8. Is-sentenza appellata, mertu ta' dan l-appell, kienet fil-fatt waħda preliminari, limitata għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

9. L-ewwel Qorti, wara li qieset:

- illi l-fatti li taw lok għall-vertenza odjerna seħħew fl-1990-1991;

- illi fl-1992 kienet ġiet ippreżentata kawża fl-istess ismijiet (686/92/FS) li kienet ġiet ikkanċellata fit-3 ta' Novembru 2004;

- illi l-Artikolu 2132(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li :

> *"Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda."*

- illi huwa "*essenzjali*" għal din il-vertenza li jiġi stabbilit jekk kawża li tiġi kanċellata timportax l-istess effetti bħal kawża li tkun tqieset deżerta;

- illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet "**Anthony Mintoff v. AG et**", deċiża fis-7 ta' Lulju 2004, irriteniet li:

> *"L-effett ta' kawża kanċellata mhux riappuntata huwa l-istess bħal meta kawża titqies deżerta skont l-Artikolu 965 tal-Kap 12…"*

- illi l-Qorti tal-Appell Superuri fil-kawża fl-ismijiet "**Henry Ellul Sullivan et noe v. Joseph Dimech**" deċiża fit-13 ta' Ottubru 1998 irriteniet li:

> *"Jekk il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju m'għandhiex l-effett li tinnewtralizza l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tad-dritt tal-azzjoni in corso, multo magis m'għandux ikollu tali effett il-kanċellament ta' kawża fejn, kif ingħad, il-Qorti bl-ebda mod ma tinvesti l-meritu u sempliċiment tiddeżisti milli tieħu konjizzjoni tagħha billi tordna li titneħħa minn quddiemha. Kanċellament li ma jipprekludix lill-attur id-dritt li jipproponi l-azzjoni sakemm ikun għadu fiż-żmien li hekk jagħmel."*

Ikkonkludiet li meta ġiet intavolata l-kawża odjerna fl-2006 l-azzjoni kienet preskritta.

10. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġjonament u l-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

11. FL-EWWEL LOK, l-attur appellant għandu raġun jilmenta li bil-fatt li, l-effetti tad-deżerzjoni u tal-kanċellament huma l-istess ma jsegwix li allura l-Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi

l-kanċellament ta' kawża. Dan l-artikolu jikkontempla biss tliet cirkostanzi fejn "*il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja jitqies bħallikieku ma sarx",* u senjatament:

(i) jekk l-attur jirrinunzja għat-talba; jew

(ii) jekk il-kawża tibqa' deżerta; jew

(iii) jekk it-talba tiġi miċħuda.

12. Li kieku ma' dawn iċ-ċirkostanzi l-leġislatur ried li jinkludi dik fejn il-kawża tkun ġiet ikkanċellata, ma kien hemm xejn x'iżommu milli jagħmel dan. Il-fatt li ma nkludihiex ifisser li proprju ma riedx jinkludiha. ***Ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*.** It-tliet ċirkostanzi kkontemplati mill-Artikolu 2132 ma jagħtu lok għall-ebda interpretazzjoni estensiva. Inoltre, trattandosi ta' materja "odjuża" bħal ma hija dik tal-preskrizzjoni, li twassal biex il-kawżi jispiċċaw mingħajr ma jkunu ġew effettivament deċiżi, dan l-artikolu għandu jiġi interpretat bl-iktar mod strett u ristrettiv.

13. FIT-TIENI LOK is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Henry Ellul Sullivan et noe v. Joseph Dimech** u ċitata mill-ewwel Qorti biex tissostanzja l-interpretazzjoni erronja tagħha li l-Artikolu 2132 japplika anke fejn il-kawża tkun ġiet ikkanċellata, effettivament tirritjeni

<u>proprju l-kuntrarju ta' dak li argumentat l-ewwel Qorti</u>. Tali sentenza tagħmilha ċara li meta l-preskrizzjoni tiġi miksura permezz tal-intavolar ta' kawża li sussegwentement tiġi kkanċellata, għandu jitqies li l-preskrizzjoni tkun ġiet interrotta għall-perjodu kollu mill-intavolar tal-kawża sal-kanċellament, b'dan li terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid mid-data tal-kanċellament. Hija irriteniet illi:

> *"….l-att taċ-ċitazzjoni jibqa' jkollu l-effett tal-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv sad-data tal-kanċellament tal-kawża. Dan għaliex: "la domanda giudiziale è quella che interrompe la prescrizione….L' interruzione della prescrizione risultante dalla domanda giudiziaria ha questo di particolare che essa si prolunga al di la del momento in cui ella si compie: <u>è di principio che l'effetto interruttivo della domanda giudiziale dura per quanto dura l'istanza stessa: da che la consequenza non può compiersi duranta l'istanza per quanto lunga essa sia o breve che sia la prescrizione</u>….La prescrizione è interrotta perche` la prescrizione essendo fondata sull'inazione, essa non può correre quando vi è azione." (Laurent, Vol XXXII, para. 182 et seq). Dan ifisser illi sakemm hemm l-azzjoni – u cioe` mill-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni sal-kanċellament tagħha – ma jistax ikun hemm preskrizzjoni. U għalhekk il-perkors tagħha hu interrott u preskrizzjoni ġdida ma tistax tibda' tiddekorri sakemm ikunu pendenti l-proċeduri, cjoe` sakemm il-Qorti tkun ikkanċellat il-kawża;*
>
> *"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, dan ifisser illi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ġiet interrotta bil-preżentata tal-ewwel ċitazzjoni fit-<u>22 ta' Ottubru 1976</u>, u baqgħet hekk sospiża u interrotta sal-kanċellament ta' dik il-kawża fl-<u>20 ta' Ottubru 1986</u>. Minn dakinhar beda jiddekorri mill-ġdid il-perjodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni li però ma laħaqx iddekorra – anke fl-aħjar ipotesi għall-konvenut jekk jiġi aċċettat li japplika t-terminu ta' sena a tenur tal-Artikolu 544(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ – billi t-tieni kawża, dik odjerna, kienet ġiet ippreżentata fit-3 ta' Settembru 1987, u cjoe` entro s-sena mid-data tal-kanċellament."*

14. Il-Kontrollur tad-Dwana fil-fatt fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu kien spjega dan l-insenjament fid-dettall, adirittura iċċita estensivament mill-kawża **Henry Ellul Sullivan et noe v. Joseph Dimech**, iżda l-ewwel

Qorti jidher li tefgħet għajnejha biss fuq bran wieħed partikolari:

> *"Jekk il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju m'għandhiex l-effett li tinnewtralizza l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tad-dritt tal-azzjoni in corso, multo magis m'għandux ikollu tali effett il-kanċellament ta' kawża fejn, kif ingħad, il-Qorti bl-ebda mod ma tinvesti l-meritu u sempliċiment tiddeżisti milli tieħu konjizzjoni tagħha billi tordna li titneħħa minn quddiemha. Kanċellament li ma jipprekludix lill-attur id-dritt li jipproponi l-azzjoni sakemm ikun għadu fiż-żmien li hekk jagħmel."*

U stranament, fehmet li jfisser li l-Artikolu 2132 japplika wkoll għal kawżi kkanċellati.

15. Dak li effettivament kienet qiegħda tispjega l-Qorti tal-Appell f'dak il-punt tas-sentenza kien li għalkemm il-qrati Taljani f'artikoli simili għall-Artikolu 2132 tagħna ħadu l-pożizzjoni li anke sentenza liberatorja mill-osservanza tal-ġudizzju għandha titqies bħala li xxejjen l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, l-artikolu tagħna[1] jagħmilha ċara li dan mhux il-każ f'Malta. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza iċċitat minn sentenza li tgħid hekk:

> *"Ora del nostro legislatore è stato tolto ogni dubbio sul riguardo per la disposizione dell'ultimo paragrafo 1896, Ordinanza VII del 1868 giusto cui rispetto alla cessione o al rigetto di una domanda giudizziaria, la disposizione di detto articolo <u>non ha luogo quando è dalla legge permesso all' attore di riproporre la domanda</u>, essendo risaputo che la liberatoria ab observantia judicii lascia la facolta` all'attore di riprodurre la domanda rigettata per tale liberatoria" (Vol. XXVI – II – 428)*

---

[1] **<u>Dan b'referenza ċara għall-Artikolu 2132(2):</u>**
*"Għal dik li hija r-rinunzja jew iċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu <u>ma jgħoddux fil-każijiet li l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib 'il quddiem it-talba</u>, basta li din it-talba terġa' tinġieb 'il quddiem fl-istess qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dak in-nhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda, u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, skont ma jkun il-każ."*

16. U f'dan il-kuntest il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza kompliet targumenta illi jekk il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju m'għandhiex l-effett li tinnewtralizza (jew aħjar, ixxejjen) l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tad-dritt tal-azzjoni *in corso*, mela allura aktar u aktar m'għandhiex ikollha tali effett il-kanċellament ta' kawża, fejn il-Qorti, mingħajr ma tkun investiet il-mertu, sempliċiment tordna t-tneħħija tal-kawża minn quddiemha.

17. Stabbilit dan kollu, jonqos biss li din il-Qorti tara jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni li reġa' beda' jiddekorri mit-3 ta' Novembru 2004 - cioe` meta ġiet ikkanċellata l-ewwel kawża[2] - laħaqx iddekorra. Dan fil-fatt ma kienx il-każ għaliex it-tieni kawża (cioe` din odjerna) ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ottubru 2006 u għalhekk inqas minn sentejn wara. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni, fejn ġiet sollevata l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(e) u 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u l-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2154 hija infondata.

**DEĊIDE**

18. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-attur appellant,

[2] Mhux ikkontestat li meta ġiet ippreżentata l-ewwel kawża l-azzjoni ma kinitx preskritta, fil-fatt il-konvenuti appellati stess fir-risposta tagħhom għat-tieni aggravju jgħidu li ċ-ċitazzjoni 686/92 kellha effett interruttiv (għall-preskrizzjoni) biss f'Mejju 1992, meta ġiet ippreżentata, u mhux sat-3 ta' Novembru 2004, meta l-kawża ġiet ikkanċellata.

tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti.

19. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm